

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Is-Sitt Awla) tal-10 ta' Ottubru 2008 —
Imperial Chemical Industries vs UASI (LIGHT & SPACE)**

(Kawża T-224/07)

“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali
LIGHT & SPACE — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv —
Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94”

*Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja —
Raġunijiet assoluti għal rifjut — Trade marks li mhumiex ta' karattru distintiv
(Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 7(1)(b)) (ara l-punti 23-29, 33, 34, 36-40)*

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-30 ta' Marzu 2007 (Każ R 1631/2006-1), dwar ir-reġistrazzjoni tas-sinjal LIGHT & SPACE bħala trade mark Komunitarja.

Informazzjoni dwar il-kawża

Applikant għat-trade mark Komunitarja:	Imperial Chemical Industries plc
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark verbali LIGHT & SPACE għal prodotti fil-klassi 2 — Applikazzjoni Nru 5147756
Deċiżjoni tal-eżaminatur:	Reġistrazzjoni rrifjutata
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Imperial Chemical Industries plc hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Is-Seba' Awla) tal-15 ta' Ottubru 2008 — Camar vs Il-Kummissjoni

(Kawżi magħquda T-457/04 u T-223/05)

“Organizzazzjoni komuni tas-swieq — Banana — Miżuri tranżitorji — Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 404/93 — Sentenza li tikkonstata n-nuqqas ta' azzjoni tal-Kummissjoni — Rifjut li tiġi eżegwita sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza — Rikors għal annullament — Talba sabiex tiġi ordnata l-eżekuzzjoni tas-sentenza permezz tal-ħlas ta' ammonti ekwivalenti — Kumpens għad-dannu morali — Astensjoni illegali mill-Kummissjoni — Rikors għad-danni — Interruzzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni — Artikolu 46 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja — Inammissibbiltà”

1. *Rikors għal annullament — Sentenza ta' annullament — Effetti — Obbligu li jiġu adottati miżuri ta' eżekuzzjoni (Artikoli 230 KE, 232 KE, u 233 KE u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 KE) (ara l-punti 39-41, 49, 50)*
2. *Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Kundizzjonijiet — Illegalità — Dannu — Rabta kawżali — Nuqqas tal-obbligu ta' eżekuzzjoni ta' sentenza ta' annullament (It-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 KE) (ara l-punti 57, 58, 60-62)*